**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 421/18 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-18 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Gunju, 2001, Dokument A anness.

Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Reuben Debono datat 16 ta' Awwissu, 2010, Dokument B anness.

Illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati legalment u *de facto* u m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok.B) il-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi l-fatti kollha premessi jissodisfaw il-kundizzjonjiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunza l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat skond il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjes.

Ra li l-intimata dehret quddiem dina l-Onorabbli Qorti ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru u ddikjarat li ma kinitx qed topponi ghat-talba tad-divorzju tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Awwissu, 2009 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tirriduci t-terminu tal-appell ghall-gurnata millum.

Spejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**